# IT-TIELET SEZZJONI — APPELLI INFERJURI

**18 ta' Marzu, 1950**

**Imħallef :**

**L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.**

**Arthur Russo *versus* John Damicoli**

**Appell — Kontumaċja — Obligazzjoni tal-Mara Miżżewġa.**

*F'din il-kawża ġie ritenut li l-appellant iġġustifika l-kontumaċja tiegħu quddiem il-Qorti Ċivili Inferjuri, meta l-kawża nqatgħet kontra tiegħu, billi pprova illi, għalkemm l-avviż kien ġie notifikat għand martu u f'daru, il-mara tiegħu però ma tagħtux dak l-avviż fi żmien utili biex huwa jista' jikkontesta l-kawża.*

*Ir-raġel mhux obligat iħallas id-dejn li martu tagħmel bil-moħbi tiegħu, meta huwa lanqas taċitament ma jkun taha l-kunsens biex tagħmel dak id-dejn; speċjalment meta dak id-dejn hija ma tagħmlux għall-bżonnijiet ordinarji u ta' kuljum tal-familja.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £3. 4. 8, bilanċ ta' prezz ta' oġġetti li l-konvenut xtara minn għandu bi kreditu. Bl-imgħax, u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Billi l-konvenut naqas u ma deherx, u għalhekk in-nota tal-mistoqsijiet għandha tittieħed bħala mistqarra;

Rat is-sentenza tal-1 ta' Frar 1950 tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, li ddeċediet billi laqgħet it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż, billi kkunsidrat li l-kapitolu tas-subizzjoni tal-konvenut bil-kontumaċja ta' dana għandu jittieħed b'mistqarr;

Rat in-nota ta' l-appell u ċ-ċitazzjoni tal-konvenut, li talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija u ċ-ċaħda tat-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat illi l-avviż ġie notifikat lill-konvenut billi ġie mogħti għand martu f'daru. Iżda martu żammet dak l-avviż u ma qaletx lill-appellant bih; u dak in-nhar li kellha ssir il-kawża bagħtitlu l-avviż bil-posta, u dana wasallu fis-2 p.m. Allura l-kawża kienet inqatgħet. Għaldaqstant l-appellant iġġustifika

l-kontumaċja tiegħu meta ġie msejjaħ għas-subizzjoni; u għal-hekk il-kapitolu ma jagħmilx prova kontra tiegħu;

Ikkunsidrat;

Li l-oġġetti li tagħhom l-attur talab il-ħlas kienu ġew mix-trija mill-mara ta' l-appellant bid-dejn, mingħajr ma kien jaf bihom l-appellant. L-appellant kien jagħtiha l-flus biex tixtri l-bżonnijiet tal-familja, anki meta xtrat il-karrozza tat-tarbija, għalkemm minn għand l-attur hija ħaditha bid-dejn bil-moħbi ta' l-appellant. L-appellant ma awtorizza qatt lil martu tixtri bid-dejn minn għand l-attur, u l-attur qatt ma ttratta ma' l-appellant. Kienet mart l-appellant li bil-moħbi ta' żewġha kienet tħallas id-dejn bl-akkonti. Għaldaqstant l-appellant ma kienx marbut iħallas id-dejn ta' martu, li lanqas taċitament ma kien qatt awtorizza. U tabilħaqq dak id-dejn lanqas kien jirrigwarda l-bżonnijiet ordinarji u ta' kuljum tal-familja;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa l-appell tal-konvenut, tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu.